32006D0259

L 93/65 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 31.3.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-27 ta' Marzu 2006

## li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE fir-rigward tar-reġjonalizzazzjoni għall-Arġentina u ċ-ċertifikati mudell marbuta ma' l-importazzjoni ta' laħam frisk ta' l-ifrat mill-Brażil

*(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 896)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/259/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari il-punti (1) u (4) ta' ll-Artikolu 8 u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi u li tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom ([2]) tipprevedi li l-importazzjonijiet ta' dawk l-annimali u l-laħam għandhom jilħqu r-rekwiżiti stipulati fiċ-ċertifikati mudell xierqa imfassla f'dik id-Deċiżjoni.

(2) L-Arġentina kkonfermat tifqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer (tip O) fil-Provinċja ta' Corrientes fid-Dipartment ta' San Luís del Palmar u minnufih għarrfet lill-Kummissjoni fit-8 ta' Frar 2006.

(3) Jeħtieġ li, sabiex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-Komunità, jittieħdu miżuri ta' reġjonalizzazzjoni li jissospendu temporanjament l-importazzjonijiet ta' laħam dissussat li jkun ġej minn bhejjem ta' l-ifrat li joriġinaw minn dak id-Dipartiment u d-Dipartimenti tal-madwar ta' Berón de Astrada, Capital, General Paz, Empedrado, Itati, Mbucuruyá and San Cosme.

(4) L-ewwel notifika ta' suspett tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer lill-awtoritajiet veterinarji Arġentina saret fl-4 ta' Frar 2006. Madankollu, l-awtoritajiet veterinarji issospendew iċ-ċertifikazzjoni ta' l-esportazzjonijiet tal-laħam mill-annimali maqtula wara l-4 ta' Jannar 2006. Għandhom jiġu sospiżi l-konsenji ta' laħam bħal dan minn bhejjem ta' l-ifrat minn dawk id-Dipartimenti maqtula fi jew wara l-4 ta' Jannar 2006. Madankollu, b'deroga minn dik is-sospensjoni, il-konsenji b'ċertifikazzjoni ffirmata bejn l-4 ta' Jannar u l-4 ta' Frar 2006 għal laħam dissussat imlaħħaq għall-konsum minn bhejjem ta' l-ifrat maqtula fil-perjodu bejn l-4 ta' Jannar 2006 u l-4 ta' Frar 2006 u diġà mibgħuta lejn il-Komunità għandhom jitħallew jiġu importati fil-Komunità.

(5) Wara missjoni reċenti tal-Kummissjoni fil-Brażil, jidher li minkejja li tjiebu sostanzjalment is-sistemi ta' traċċabilità, huwa meħtieġ xi titjib ieħor sabiex jiġu evitati kuntatti possibbli bejn annimali ta' status differenti. Jeħtieġ ukoll li tittejjeb l-effikaċja tat-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u l-ħila li jintwera n-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, billi jitqies li huwa biss il-laħam dissussat imlaħħaq għall-konsum li huwa importat fil-Komunità.

(6) Jixraq li bħala miżura addizzjonali jkunu previsti garanziji supplementari fir-rigward tal-kuntatti bejn l-annimali, it-tilqim u s-sorveljanza.

(7) Trid titqies il-politika ta' non-tilqim għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fl-Istat ta' Santa Catarina.

(8) L-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KE għandu, għalhekk, jiġi emendat kif imiss.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 18, 23.1.2002, p. 11.

([2]) ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/9/KE (ĠU L 7, 12.1.2006, p. 23).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 79/542/KEE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-31 ta' Marzu 2006.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE, il-Parti I u l-lista ta' Mudelli taċ-ċertifikati veterinarji u l-Mudell 'BOV' fil-Parti II jiġu sostitwiti minn dawn li ġejjin:

*"ANNESS II*

**(LAĦAM FRISK)**

**PARTI 1**

LISTA TA' PAJJIŻI TERZI JEW PARTIJIET MINNHO (*)

| Pajjiż | Kodiċi tat-territorju: | Deskrizzjoni tat-territorju | Ċertifikat veterinarju | | Kundizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Mudell(i) | SG | |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| AL – L-Albanija | AL-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| AR – L-Arġentina | AR-0 | Il-pajjiż kollu | EQU | | |
| | AR-1 | Il-Provinċji ta' Buenos Aires, Catamarca, Corrientes, (minbarra d-dipartimenti ta' Berón de Astrada, Capital, Empedrado, General Paz, Itati, Mbucuruyá, San Cosme u San Luís del Palmar), Entre Ríos, La Rioja, Mendoza, Misiones, Neuquen, Rio Negro, San Juan, San Luis, Santa Fe, u Tucuman. | BOV | A | 1 u 2 |
| | AR-2 | La Pampa u Santiago del Estero | BOV | A | 1 u 2 |
| | AR-3 | Cordoba | BOV | A | 1 u 2 |
| | AR-4 | Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego | BOV, OVI, RUW, RUF | | 1 |
| | AR-5 | Formosa (it-territorju ta' Ramon Lista biss) u Salta (id-dipartiment ta' Rivadavia biss,) | BOV | A | 1 u 2 |
| | AR-6 | Salta (id-dipartimenti ta' General Jose de San Martin, Oran, Iruya, u Santa Victoria biss) | BOV | A | 1 u 2 |
| | AR-7 | Chaco, Formosa (minbarra t-territorju ta' Ramon Lista), Salta (minbarra d-dipartimenti ta' General Jose de San Martin, Rivadavia, Oran, Iruya, u Santa Victoria), Jujuy | BOV | A | 1 u 2 |
| | AR-8 | Chaco, Formosa, Salta, Jujuy, bl-eċċezzjoni taż-żona buffer ta' 25 km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-Distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy, sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa | BOV | A | 1 u 2 |
| | AR-9 | Iż-żona buffer ta' 25 km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-Distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy, sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa | — | | |
| | AR-10 | Parti mill-Provinċja ta' Corrientes: id-dipartimenti ta' Berón de Astrada, Capital, Empedrado, General Paz, Itati, Mbucuruyá, San Cosme u San Luís del Palmar | BOV | A | 1 u 2 |
| AU – L-Awstralja | AU-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW | | |
| BA – Il-Bożnija Ħerzegovina | BA-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| BG – il-Bulgarija [a] | BG-0 | Il-pajjiż kollu | EQU | | |
| | BG-1 | Il-provinċji ta' Varna, Dobrich, Silistra, Choumen, Targovitchte, Razgrad, Rousse, V.Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovdic, Smolian, Pasardjik, id-distrett ta' Sofja, il-belt ta' Sofja, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Vratza, Montana u Vidin | BOV, OVI-RUW, RUF | | |
| | BG-2 | Il-provinċji ta' Bourgas, Jambol, Sliven, Starazagora, Hasskovo, Kardjali u l-kuritur wiesa' 20 km fuq il-fruntiera mat-Turkija | — | | |
| BH – il-Baħrejn | BH-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| BR – Il-Brażil | BR-0 | Il-pajjiż kollu | EQU | | |
| | BR-1 | Parti mill-Istat ta' Minas Gerais (minbarra d-delegazzjonijiet reġjonali ta' Oliveira, Passos, São Gonçalo de Sapucai, Setelagoas u Bambuí);<br>L-Istat ta' Espíritu Santo;<br>L-Istat ta' Goias u;<br>Parti mill-Istat ta' Mato Grosso li tinkludi l-unità reġjonali ta' Cuiaba (minbarra l-muniċipalitajiet ta' San Antonio de Leverger, Nossa Senhora do Livramento, Pocone u Barão de Melgaço), l-unità reġjonali ta' Caceres (minbarra l-muniċipalità ta' Caceres), l-unità reġjonali ta' Lucas do Rio Verde, l-unità reġjonali ta' Rondonopolis (minbarra l-muniċipalità ta' Itiquiora), l-unità reġjonali ta' Barra do Garça u l-unità reġjonali ta' Barra do Burgres. | BOV | A u H | 1 u 2 |
| | BR-2 | L-Istat ta' Rio Grande do Sul | BOV | A u H | 1 u 2 |
| | BR-3 | Parti mill-Istat ta' Mato Grosso do Sul li tinkludi l-muniċipalità ta' Sete Quedas | BOV | A u H | 1 u 2 |
| | BR-4 | Parti mill-Istat ta' Mato Grosso do Sul (minbarra l-muniċipalitajiet ta': Sonora, Aquidauana, Bodoqueno, Bonito, Caracol, Coxim, Jardim, Ladario, Miranda, Pedro Gomes, Porto Murtinho, Rio Negro, Rio Verde of Mato Grosso u Corumbá),<br>L-Istat ta' Paraná, u<br>L-Istat ta' Sao Paulo | BOV | A u H | 1 u 2 |
| | BR-5 | L-Istat ta' Paraná,<br>L-Istat ta' Mato Grosso do Sul u<br>L-Istat ta' Sao Paulo. | — | — | 1 |
| | BR-6 | L-Istat ta' Santa Catarina | BOV | A u H | 1 u 2 |
| BW – Il-Botswana | BW-0 | Il-pajjiż kollu | EQU, EQW | | |
| | BW-1 | Iż-żoni veterinarji ta' kontroll 5, 6, 7, 8, 9 u 18 | BOV, OVI, RUF, RUW | F | 1 u 2 |
| | BW-2 | Iż-żoni veterinarji ta' kontroll 10, 11, 12, 13 u 14 | BOV, OVI, RUF, RUW | F | 1 u 2 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| BY – Il-Belarus | BY-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| BZ – Il-Beliże | BZ-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, EQU | | |
| CA – Il-Kanada | CA-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW RUF, RUW, | G | |
| CH – L-Iżvizzera | CH-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW | | |
| CL – Iċ-Ċilì | CL-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF | | |
| CN – Iċ-Ċina (ir-Repubblika Popolari ta') | CN-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| CO – Il-Kolombja | CO-0 | Il-pajjiż kollu | EQU | | |
| | CO-1 | Iż-żona inkluża bejn il-linji tal-fruntiera li jibdew mill-punt fejn ix-Xmara Murri tingħaqad max-Xmara Atrato, 'l isfel max-Xmara Atrato sa fejn din tingħaqad ma' l-Oċean Atlantiku, u minn dan il-punt sal-fruntiera tal-Panama mal-kosta Atlantika sa Cabo Tiburón; minn dan il-punt sa l-Oċean Paċifiku mal-fruntiera bejn il-Kolombja u l-Panama; minn dan il-punt sal-bidu tax-Xmara Valles mal-kosta tal-Paċifiku u minn dan il-punt f'linja dritta sal-punt fejn ix-Xmara Murri tingħaqad max-Xmara Atrato. | BOV | A | 2 |
| | CO-3 | Iż-żona li tinsab bejn il-linji tal-fruntiera li jibdew minn ħalq ix-Xmara Sinu fuq l-Oċean Atlantiku, 'il fuq max-Xmara Sinu sal-bidu tagħha – l-Ilmijiet ta' Alto Paramillo, u minn dan il-punt sa Puerto Rey fuq l-Oċean Atlantiku, mal-linja tal-fruntiera bejn id-Dipartiment ta' Antiquia u Córdoba, u minn dan il-punt sa ħalq ix-Xmara Sinu mal-Kosta Atlantika. | BOV | A | 2 |
| CR – il-Kosta Rika | CR-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, EQU | | |
| CU – Kuba | CU-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, EQU | | |
| DZ – L-Alġerija | DZ-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| ET – L-Etjopja | ET-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| FK – Il-Gżejjer Falkland | FK-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, EQU | | |
| GL – Greenland | GL-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, EQU, RUF, RUW | | |
| GT – Il-Gwate-mala | GT-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, EQU | | |
| HK – Ħong Kong | HK-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| HN – Il-Ħonduras | HN-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, EQU | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| HR – Il-Kroazja | HR-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, EQU, RUF, RUW | | |
| IL – L-Iżrael | IL-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| IN – L-Indja | IN-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| IS – L-Iżlanda | IS-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, EQU, RUF, RUW | | |
| KE – Il-Kenja | KE-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| MA – Il-Marokk | MA-0 | Il-pajjiż kollu | EQU | | |
| MG – Il-Madaga-skar | MG-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| MK – l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (***) | MK-0 | Il-pajjiż kollu | OVI, EQU | | |
| MU – Il-Mawrizju | MU-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| MX – Il-Messiku | MX-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, EQU | | |
| NA – In-Namibja | NA-0 | Il-pajjiż kollu | EQU, EQW | | |
| | NA-1 | Lejn in-Nofsinhar mill-perimetru taż-żona magħluqa li jestendi minn Palgrave Point fil-Punent sa Gam fil-Lvant | BOV, OVI, RUF, RUW | F | 2 |
| NC – New Caledonia | NC-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, RUF, RUW | | |
| NI – In-Nikaragwa | NI-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| NZ – New Zealand | NZ-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW | | |
| PA – Il-Panama | PA-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, EQU | | |
| PY – Il-Paragwaj | PY-0 | Il-pajjiż kollu | EQU | | |
| | PY-1 | Chaco ċentrali u ż-żoni ta' San Pedro | BOV | A | 1 u 2 |
| RO – Ir-Rumanija ([a]) | RO-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, EQU, RUW, RUF | | |
| RU – Ir-Russja | RU-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| | RU-1 | Ir-reġjun ta' Murmansk, i ż-żona awtonoma ta' Yamalo-Nemets | RUF | | |
| SV – El Salvador | SV-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| SZ – Is-Swaziland | SZ-0 | Il-pajjiż kollu | EQU, EQW | | |
| | SZ-1 | I ż-żona fil-Punent tal-'linja ħamra' li testendi lejn it-Tramuntana mix-Xmara Usutu sal-fruntiera ma' l-Afrika t'Isfel fil-Punent ta' Nkalashane, | BOV, RUF, RUW | F | 2 |
| | SZ-2 | I ż-żoni veterinarji ta' sorveljanza u tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, kif ippubblikati bħala Strument Statutorju taħt l-avviż legali numru 51 ta' l-2000 | BOV, RUF, RUW | F | 1 u 2 |
| TH – It-Tajlandja | TH-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| TN – It-Tuneżija | TN-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| TR – It-Turkija | TR-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| | TR-1 | Il-provinċji ta' Amasya, Ankara, Aydin, Balikesir, Bursa, Cankiri, Corum, Denizli, Iżmir, Kastamonu, Kutahya, Manisa, Usak, Yozgat u Kirikkale | EQU | | |
| UA – L-Ukraina | UA-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |
| US – L-Istati Uniti | US-0 | Il-pajjiż kollu | BOV, OVI, POR, EQU, , SUF, SUW, RUF, RUW | G | |
| XM – Il-Montenegro | XM-0 | It-territorju doganali kollu (****) | BOV, OVI, EQU | | |
| XS – Is-Serbja (**) | XS-0 | It-territorju doganali kollu (****) | BOV, OVI, EQU | | |
| UY – L-Urugwaj | UY-0 | Il-pajjiż kollu | EQU | | |
| | | | BOV, | A | 1 u 2 |
| | | | OVI | A | 1 u 2 |
| ZA – L-Afrika t'Isfel | ZA-0 | Il-pajjiż kollu | EQU, EQW | | |
| | ZA-1 | Il-pajjiż kollu ħlief:<br>— il-parti taż-żona ta' kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-reġjuni veterinarji ta' Mpumalanga u l-provinċji tat-Tramuntana, fid-distrett ta' Ingwavuma tar-reġjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona fuq il-fruntiera mal-Botswana fil-Lvant ta' lonġitudni 28°, u<br>— id-distrett ta' Camperdown, fil-provinċja ta' KwaZulu-Natal | BOV, OVI, RUF, RUW | F | 2 |
| ZW – I ż-Zimbabwe | ZW-0 | Il-pajjiż kollu | — | | |

(*) Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċertifikazzjoni previsti mill-ftehimiet Komunitarji ma' pajjiżi terzi.
(**) Li ma jinkludix il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.
(***) L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; il-kodiċi proviżorju li ma tippreġudikax bi kwalunkwe mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li jkun miftiehem wara l-konklużjoni ta' negozjati li qegħdin isehhu bħalissa fuq dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.
(****) Is-Serbja u l-Montenegro huma Repubbliki b'territorji doganali individwali li jiffurmaw Unjoni ta' l-Istat u għalhekk għandhom jiġu elenkati separatament.

— = Ma huwa previst l-ebda ċertifikat u l-importazzjonijiet tal-laħam frisk huma pprojbiti (ħlief għal dawk l-ispeċijiet fejn hemm indikat fil-linja għall-pajjiż kollu)

[a] = Huwa applikabbli biss sakemm dan l-Istat li se jissieħeb, isir Stat Membru ta' L-Unjoni Ewropea

*Il-kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-kolonna 6*

'1':: Restrizzjonijiet ġeografiċi u temporali:

| Kodiċi tat-territorju: | Ċertifikat veterinarju | | Perjodu ta' żmien/dati li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija awtorizzata jew mhux awtorizzata fir-rigward ta' dati għall-qtil ta' annimali li minnhom ikun inkiseb il-laħam | |
|---|---|---|---|---|
| | Mudell | SG | | |
| AR-1 | BOV | A | Qabel is-31 ta' Jannar 2002 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara l-1 ta' Frar 2002 u dakinhar | Awtorizzata |
| AR-2 | BOV | A | Qabel il-8 ta' Marzu 2002 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Warad-9 ta' Marzu 2002 u dakinhar | Awtorizzata |
| AR-4 | BOV, OVI, RUW, RUF | — | Qabel it-28 ta' Frar 2002 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara l-1 ta' Marzu 2002 u dakinhar | Awtorizzata |
| AR-5 | BOV | A | Mill-l ta' Frar 2002 sa l-10 ta' Lulju 2003 (bi ż-żewġ dati inklu żi) | Awtorizzata |
| | | | Wara l-11 ta' Lulju 2003 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| AR-6 | BOV | A | Mill-l ta' Frar 2002 sa l-4 ta' Settembru 2003 (bi ż-żewġ dati inklu żi) | Awtorizzata |
| | | | Wara l-5 ta' Settembru 2003 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| AR-7 | BOV | A | Mill-l ta' Frar 2002 sas-7 ta' Ottubru 2003 (bi ż-żewġ dati inklu żi) | Awtorizzata |
| | | | Wara t-8 ta' Ottubru 2003 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| AR-8 | BOV | A | Qabel is-17 ta' Marzu 2005 u dakinhar | ara AR-5, AR-6 u AR-7 għall-perjodi meta t-territorji speċifiċi fi ż-żona msemmija f'AR-8 ma kinux awtorizzati |
| | | | Wara t-18 ta' Marzu 2005 u dakinhar | Awtorizzata |
| AR-10 | BOV | A | Qabel it-3 ta' Jannar 2006 u dakinhar | Awtorizzata |
| | | | Wara l-4 ta' Jannar 2006 u dakinhar minbarra għal konsenji diġà fi triqthom qabel l-4 ta' Frar lejn il-Komunità ċċertifikati bejn l-4 ta' Jannar u l-4 ta' Frar 2006 | Mhux awtorizzata |
| BR-1 | BOV | A + H | Wara l-1 ta' Diċembru 2001 | Awtorizzata |
| BR-2 | BOV | A + H | Qabel it-30 ta' Novembru 2001 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara l-1 ta' Diċembru 2001 u dakinhar | Awtorizzata |
| BR-3 | BOV | A + H | Qabel il-31 ta' Ottubru 2002 u dakinhar | Awtorizzata |
| | | | Wara l-1 ta' Novembru 2002 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| BR-4 | BOV | A + H | Wara l-1 ta' Diċembru 2001 sad-29 ta' Settembru 2005 bi ż-żewġ dati inklu żi | Awtorizzata |

| Kodiċi tat-territorju: | Ċertifikat veterinarju | | Perjodu ta’ żmien/dati li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija awtorizzata jew mhux awtorizzata fir-rigward ta’ dati għall-qtil ta’ annimali li minnhom ikun inkiseb il-laħam | |
|---|---|---|---|---|
| | Mudell | SG | | |
| BR-5 | BOV | | Wara t-30 ta’ Settembru 2005 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| BR-6 | BOV | A | Wara l-1 ta’ Diċembru 2001 | Awtorizzata |
| BW-1 | BOV, OVI, RUW, RUF | A | Qabel is-7 ta’ Lulju 2002 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara t-8 ta’ Lulju u dakinhar sat-22 ta’ Diċembru 2002 | Awtorizzata |
| | | | Wara t-23 ta’ Diċembru 2002 u dakinhar sas-6 ta’ Ġunju 2003 | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara s-7 ta’ Ġunju 2003 u dakinhar | Awtorizzata |
| BW-2 | BOV, OVI, RUW, RUF | A | Qabel is-6 ta’ Marzu 2002 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara s-7 ta’ Marzu 2002 u dakinhar | Awtorizzata |
| PY-1 | BOV | A | Qabel il-31 ta’ Awwissu 2002 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara u inklu ż l-1 ta’ Settembru 2002 sad-19 ta’ Frar 2003i | Awtorizzata |
| | | | Wara l-20 ta’ Frar 2003 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| SZ-2 | BOV, RUF, RUW | A | Qabel it-3 ta’ Awwissu 2003 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara l-4 ta’ Awwissu 2003 u dakinhar | Awtorizzata |
| UY-0 | BOV, OVI | A | Qabel il-31 ta’ Ottubru 2001 u dakinhar | Mhux awtorizzata |
| | | | Wara l-1 ta’ Novembru 2001 u dakinkar | Awtorizzata |

‘2’:: Restrizzjonijiet ta’ kategorija:

Il-ġewwieni mhux awtorizzat (ħlief, fil-każ ta’ l-ispeċijiet ta’ l-ifrat, tad-dijaframma u l-muskoli masseteri [tax-xedaq]).

## PARTI 2

Mudelli ta’ ċertifikati veterinarji

*Mudell(i)*

‘BOV’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk ta’ bhejjem ta’ l-ifrat domestiċi (*Bos taurus, Bison bison, Bubalus bubalis* u r-razez imħallta tagħhom).

‘POR’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk tal-q żieqe ż (*Sus scrofa*).

‘OVI’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk tan-nagħaġ (*Ovis aries*) u l-mogħo ż (*Capra hircus*).

‘EQU’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk ta’ bhejjem ekwini domestiċi (*Equus caballus, Equus asinus* u r-razez imħallta tagħhom).

‘RUF’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk tal-q żieqe ż ta’ annimali mhux domestiċi mrobbija għajr il-ħnie żer (suwidi) u qabil id-debb (solipedi).

‘RUW’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk ta’ annimali mhux domestiċi selvaġġi għajr il-ħnie żer (suwidi) u qabil id-debb (solipedi).

‘SUF’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk tal-suwidi mhux domestiċi mrobbija.

‘SUW’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk tal-suwidi mhux domestiċi selvaġġi.

‘EQW’:: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal-laħam frisk tas-solipedi mhux domestiċi slavaġ.

*SG (Garanziji supplementari)*

'A':: garanziji fir-rigward tal-maturazzjoni, il-kejl tal-pH u d-dissussar tal-laħam frisk, esklu ż il-ġewwieni, ċertifikat skond il-mudelli taċ-ċertifikati BOV (punt 10.6), RUF (punt 10.7) u RUW (punt 10.4).

'B':: garanziji fir-rigward ta' ġewwieni mnaddaf mlaħħaq għall-konsum kif deskritt fiċ-ċertifikat mudell BOV (punt 10.6).

'C':: garanziji rigward it-test tal-laboratorju għad-deni klassiku tal-ħnie żer fil-karkassi minn fejn inkiseb il-laħam frisk iċċertifikat skond il-mudell taċ-ċertfikat SUW (punt 10.3 bis)

'D':: garanziji rigward l-iswill fl-azjendi agrikoli għall-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk skond il-mudelli taċ-ċertifikat POR (punt 10.3 d)

'E':: garanziji rigward it-test għat-tuberkolo żi fl-annimali minn fejn inkiseb il-laħam frisk iċċertifikat skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV (punt 10.4 d)

'F':: garanziji fir-rigward tal-maturazzjoni u d-dissussar tal-laħam frisk, esklu ż il-ġewwieni, ċertifikat skond il-mudelli taċ-ċertifikati BOV (punt 10.6), OVI (punt 10.6), RUF (punt 10.7) and RUW (punt 10.4).

'G':: garanziji fir-rigward ta' 1, l-esklu żjoni tal-ġewwiena u s-sinsla; u 2, l-ittestjar u l-oriġini ta' annimali ċervidi fir-rigward tal-kif imsemmi fil-mudelli taċ-ċertifikati RUF (punt 9.2.1) u RUW (punt 9.3..1).

'H':: garanziji supplimentari meħtieġa għall-Bra żil fir-rigward ta' kuntatti bejn l-annimali, programmi ta' tilqim u sorveljanza. Madankollu, billi l-istat ta' Santa Catarina ma jlaqqamx kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, ir-referenza għal programm ta' tilqim ma tapplikax għal-laħam li jkun ġej minn annimali li joriġinaw u jinqatlu f'dak l-Istat.

*Noti*

(a) Iċ-ċertifikati veterinarji għandhom jiġu prodotti mill-pajji ż ta' l-esportazzjoni, ibba żati fuq il-mudelli li jidhru fil-Parti 2 ta' l-Anness II, skond il..... tal-mudell li jikkorripsondi għal-laħmijiet ikkonċernati. Għandhom ikollhom, fl-ordni nnumerat li jidher fil-mudell, iċ-ċertifikazzjonijiet li huma meħtieġa għal kwalunkwe pajji ż terz u, jekk ikun il-ka ż, dawk il-garanziji supplimentari li huma meħtieġa għal pajjiz terz jew parti minnu li jkunu qed jesportaw.

(b) Ċertifikat separat u uniku għandu jiġi pprovdut għal-laħam li jiġi esportat minn territorju waħdieni li jidher fil-kolonni 2 u 3 tal-Parti 1 ta' l-Anness II li huma kkonsenjat lejn l-istess destinazzjoni u ttrasportat fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk, ajruplan jew vapur.

(ċ) L-oriġinali ta' kull ċertifikat għandu jikkonsisti minn paġna waħda, i ż-żewġ naħat, jew fejn tinħtieġ aktar kitba, għandu jkun f'tali forma li l-paġni kollha li hemm b żonn huma parti minn sistema integrata sħiħa u li ma tistax tinqasam.

(d) Għandu jitfassal f'mill-inqas wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-UE li fih l-ispezzjoni fuq il-fruntiera għandha titwettaq u ta' l-Istat Membru ta' l-UE destinatarju. Madankollu, dawn l-Istati Membri jistgħu, jekk neċessarju, jagħtu permess għal ilsna oħra, akkumpanjati minn traduzzjoni uffiċjali.

(e) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni ta' l-oġġetti tal-konsenja (it-tabella fil-punt 8.3 taċ-ċertifikat mudell), ikun hemm paġni addizzjonali mehmu ża maċ-ċertifikat, dawn il-paġni għandhom ukoll jitiqesu bħala li jifformaw parti mill-oriġinal taċ-ċertifikat bl-applikazzjoni tal-firma u tat-timbru ta' l-uffiċjal veterinarju li qed jiċċertifika, f'kull paġna.

(f) Meta ċ-ċertifikat, inklu żi tabelli addizzjonali msemmija fi (e), jinkludi aktar minn paġna waħda, kull paġna ser tiġi nnumerata — (numru tal-paġna) ta' (numru totali ta' paġni) — fil-qiegħ, u ser ikollu n-numru tal-kodiċi taċ-ċertifikat li ngħata mill-awtorità kompetenti fil-parti ta' fuq.

(g) L-oriġinal taċ-ċertifikat irid jimtela u jiġi ffirmat minn veterinarju uffiċjali. B'tali mod, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajji ż li qed jesporta ser ji żgura li l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE huma u żati Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tat-test stampat. L-istess regola tapplika għal timbri oħra għajr dawk imqabb ża jew *watermarked*.

(h) L-oriġinal taċ-ċertifikat irid jakkumpanja l-konsenja sal-post ta' l-ispezzjoni fuq il-fruntiera ta' l-UE.

## Mudell BOV

1. **Il-konsenjatur** (isem u indirizz sħaħ)
...................................................................

**ĊERTIFIKAT VETERINARJU**
**għal-laħam frisk tal-bhejjem ta' l-ifrat domestiċi([1]), ikkonsenjati lill-Komunità Ewropea**

No([2]) ORIĠINALI

2. **Id-destinatarju** (isem u indirizz sħaħ)
...................................................................

3. **Oriġini tal-laħam** ([3])
3.1 Pajjiż: ...................................
3.2 Kodiċi tat-territorju: ...................................

4. **L-Awtorità Kompetenti**
4.1 Ministeru: ...................................
4.2 Servizz: ...................................
4.3 Livell Lokali/Reġjonali: ...................................

5. **Destinazzjoni ppjanata tal-laħam**
5.1 Stat Membru ta' l-UE: ...................................
5.2 Stabbiliment
Isem u indirizz ...................................
In-numru ta' l-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni (fejn japplika)...................................

6. **Post tat-tagħbija għall-esportazzjoni**
...................................................................

7. **Il-mezzi tat-trasport u l-identifikazzjoni tal-konsenja** ([4])
7.1 (Trakk, Vagun tal-ferrovija, Vapur, jew Ajruplan) ([5])
7.2 Numru(i) ta' reġistrazzjoni, isem il-bastiment jew numru tat-titjira: ...................................

7.3 Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-konsenja ([6]):
...................................................................

8. **Identifikazzjoni tal-laħam**
8.1 Laħam minn: ................................... *(speċi annimali).*
8.2 Kundizzjonijiet tat-temperatura tal-laħam inkluż f'din il-konsenja: imkessaħ/iffriżat ([5])
8.3 Identifikazzjoni individwali tal-laħam inkluż f'din il-konsenja:

| Natura ta' qatgħat ([7]) | Numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbilimenti | | | Numru ta' pakketti/biċċiet | Nett piż (kg) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Biċċerija | Tqattigħ/Manifattura | Cold store | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | Total | | |

9. **Ċertifikazzjoni tas-Sanità**
Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li:

9.1 il-laħam frisk inkiseb, ġie ppreparat, iħħendiljat u maħżun skonnd il-kundizzjonijiet sanitarji li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontroll stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea ([8]) u għalhekk, jista' jitqies bħala xieraq għall-konsum mill-bniedem;
([5]) [u l-ikkapuljat ġie pprodott u ffriżat fi stabbilimenti tal-manifattura, skond ir-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea ([8]); ]

9.2 il-laħam frisk, jew il-pakketti tal-laħam, fihom marka uffiċjali tas-sanità li tfisser li l-laħam kien kollu kemm hu ppreparat u spezzjonat fl-istabbilimenti indikati f'punt 8.3 li huma approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea;

9.3 il-mezzi tat-trasport u l-kundizzjonijiet tat-tagħbija ta' din il-konsenja jilħqu r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea ([8]);

9.4 fir-rigward ta' enċefalopatija sponġiforma bovina (BSE), (8)

(5) (9) *jew inkella* [il-laħam frisk ma fihx materjal bovin għajr minn dak ġej minn annimali mwielda, mrobbija l-ħin kollu u maqtula fit-territorju deskritt fil-punt 3, u/jew minn annimali mwielda u mrobbija kontinwament fit-territorju ta' …………………(3) (9), u importati u maqtula fit-territorju deskritt fil-punt 3.]

(5) (10) *jew inkella* [(daħħal it-test rilevanti tar-Regolament 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (kif emendat l-aħħar))
…………………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………………
…………………………………………………………………………………………………………]

10. **Ċertifikazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-laħam frisk deskritt hawn fuq :

10.1 inkiseb fit-territorju bil-kodiċi :…………………… (3) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat :

(a) ilu ħieles għal 12-il xahar mill-marda tolqot bhejjem li jixtarru (rinderpest), u fl-istess perjodu ma seħħ l-ebda tilqim kontra din il-marda,
u

(5) *jew* [(b) ilu ħieles għal 12-il xahar mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer., u fl-istess perjodu ma seħħ l-ebda tilqim kontra din il-marda;]

(5) *jew inkella* [(b) tqies ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer sa minn..................*(data),* mingħajr ma seħħew wara din id-data xi każi/tifqigħat, u ġie awtorizzat li jesporta dan il-laħam bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni-----/----/KE, of ………… *(data);*]

(5) (11) *jew inkella* [(b) programmi ta' tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer qed jitwettqu u jiġu kkontrollati uffiċjalment f'bhejjem ta' l-ifrat domestiċi;]

(5) (18) *jew inkella* [(b) għandu programm sistematiku ta' tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u minn merħliet fejn l-effikaċja tal-programm ta' tilqim hija kkontrollata mill-awtorità veterinarja kompetenti bis-saħħa ta' sorveljanza seroloġika regolari li tindika livelli xierqa ta' antikorpi u li turi wkoll in-nuqqas taċ-ċirkolazzjoni tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;]

(5) (18) *jew inkella* [(b) ilu ħieles għal 12-il xahar mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer., u fl-istess perjodu ma seħħ l-ebda tilqim kontra din il-marda u huwa kkontrollat mill-awtorità veterinarja kompetenti bis-saħħa ta' sorveljanza regolari li turi n-nuqqas ta' l-infezzjoni ta' l-ilsien u d-dwiefer;]

10.2 inkiseb minn annimali li:

(5) [baqgħu fit-territorju deskritt f'punt 10.1 mit-twelid, jew minn ta' l-anqas fl-aħħar tliet xhur qabel il-qatla;]

(5) *u/jew* [ġew introdotti fi ................................... *(data)* fit-territorju deskritt taħt il-punt 10.1, mit-territorju bil-kodiċi ...............(3) li f'dik id-data kienu awtorizzati jesportaw annimali bħal dawn lejn il-Komunità Ewropea;]

(5) *u/jew* [ġew introdotti fi ................................... (data) fit-territorju deskritt taħt il-punt 10.1, mill-Istat Membru ta' l-UE...........................;]

10.3 inkiseb minn annimali ġejjin minn azjendi fejn:

(a) l-ebda wieħed mill-annimali fl-azjenda ma tlaqqam għall- [marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew marda li tolqot bhejjem li jixtarru (rinderpest)](12) u

(5) *jew inkella* [(b) f'dawn l-azjendi, u fl-azjendi li jinsabu fil-qrib sa 10 km, ma kienx hemm każi/tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-marda li tolqot bhejjem li jixtarru (rinderpest) fl-aħħar 30 jum ta' qabel,]

(5) (13) *jew inkella* [(b) m'hemm l-ebda restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa u fejn, f'dawn l-azjendi, u fl-azjendi li jinsabu fil-qrib sa 25 km, ma kienx hemm każi/tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-marda li tolqot bhejjem li jixtarru (rinderpest) fl-aħħar 60 jum ta' qabel u,

(c) baqgħu hemm għal mill-inqas 40 jum qabel il-bgħit dirett lejn il-biċċerija;]

(5)(18) [(d) l-annimali ma ġewx introdotti minn żoni mhux approvati tal-KE tul l-aħħar 3 xhur;]

(5) (14) *jew inkella* [(b) m'hemm l-ebda restrizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa u fejn, f'dawn l-azjendi, u fl-azjendi li jinsabu fil-qrib sa 10 km, ma kienx hemm każi/tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-marda li tolqot bhejjem li jixtarru (rinderpest) fl-aħħar 12-il xahar ta' qabel u,

(c) baqgħu hemm għal mill-inqas 40 jum qabel il-bgħit dirett lejn il-biċċerija;]

10.4 inkiseb minn annimali li :

(a) ġew trasportati mill-azjendi tagħhom sa biċċerija approvata f'vetturi mnaddfa u diżinfettati, mingħajr kuntatt ma' annimali oħra li ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq,

(b) fil-biċċerija, għaddew minn spezzjoni sanitarja ta' qabel il-qatla matul l-24 siegħa qabel inqatlu u, b'mod partikolari, ma wrew ebda evidenza tal-mardiet imsemmija fil- punt 10.1fuq, u

(c) inqatlu fi jew bejn ………………………………………………………………………… (15)

(5) (16) [(d) irreaġixxew negattivament għal test għat-tuberkolożi interdermali mwettaq fi żmien 3 xhur mill-qatla;]

(5) (18) [(e) fil-biċċerija qabel il-qatla, inżammu għal kollox mifrudin minn annimali oħra li l-laħam tagħhom mhux maħsub għall-Komunità Ewropea]

10.5 inkiseb fi stabbiliment li madwaru, f'medda ta' 10 km, ma kien hemm ebda każ/tifqigħa tal-mardiet imsemmija taħt punt 10.1 hawn fuq matul it-30 jum ta' qabel jew, jekk kien hemm xi każ ta' mard, il-preparazzjoni tal-laħam għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ġiet awtorizzata biss wara li, taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali saret il-qatla ta' l-annimali kollha preżenti, it-tneħħija tal-laħam kollu, u t-tindif u diżinfettar totali ta' l-istabbiliment;

10.6

([5]) *jew* [inkiseb u ġie ppreparat bla kuntatt ma' laħmijiet oħra li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet stipulati hawn fuq;]

([5]) ([13]) *jew inkella* [fih [laħam bla għadam] [u] [laħam ikkapuljat]([5]), miksub biss minn laħam dissussat għajr il-ġewwiena li nkiseb minn karkassi li tneħħewlhom il-gjandoli linfatiċi aċċessibbli ewlenin, u li għaddew minn maturazzjoni f'temperatura ta' aktar minn +2°C għal mill-inqas 24 siegħa qabel ma tneħħa l-għadam u fejn il-valur pH tal-laħam kien sew taħt is-6.0 meta ttestjat elettronikament f'nofs il-muskolu longissimus-dorsi wara l-maturazzjoni u qabel id-dissussar, u

inżamm mifrud għal kollox minn laħam li ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fuq waqt l-istadji kollha tal-produzzjoni tiegħu, id-dissussar u l-ħżin, sakemm jiġi ppakkjat f'kaxex jew kartuniet għal aktar ħżin f'żoni apposta.]

([5]) ([17]) *jew inkella* [fih [laħam bla għadam] [u] [laħam ikkapuljat]([5]), miksub biss minn laħam dissussat għajr il-ġewwiena li nkiseb minn karkassi li tneħħewlhom il-gjandoli linfatiċi aċċessibbli ewlenin, u li għaddew minn maturazzjoni f'temperatura ta' aktar minn +2°C għal mill-inqas 24 siegħa qabel ma tneħħa l-għadam, u

inżamm mifrud għal kollox minn laħam li ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fuq waqt l-istadji kollha tal-produzzjoni tiegħu, id-dissussar u l-ħżin, sakemm jiġi ppakkjat f'kaxex jew kartuniet għal aktar ħżin f'żoni apposta.]

([5]) ([14]) *jew inkella* [(a) fih biss ġewwieni mnaddaf mlaħħaq għall-konsum f'temperatura ambjentali ta'aktar minn +2°C għal mill-inqas tliet sigħat, u, fil-każ tad-dijaframma u l-muskoli masseteri (tax-xedaq), għal mill-inqas 24 siegħa.

(b) inżamm mifrud għal kollox minn laħam li ma jikkonformax mar-rekwiżiti msemmija fuq waqt l-istadji kollha tal-produzzjoni tiegħu, id-dissussar u l-ħżin, sakemm jiġi ppakkjat f'kaxex jew kartuniet għal aktar ħżin f'żoni apposta. u

(c) ġie ppakkjat f'kaxex/kontenturi ssiġġilatti u li ma jqattrux li jkollhom it-tikketti "LAĦAM-ĠEWWIENA GĦAT-TRATTAMENT BIS-SĦANA/MEAT-OFFAL FOR HEAT-TREATMENT", l-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment ta' l-ipproċessar ta' l-EU destinatarju.]

11. **Ċertifikazzjoni tal-Benessri ta' l-Annimali**

Jien, il-veterinarju uffċijali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-laħam frisk deskritt hawn fuq ġej minn annimali li ġew ittrattai fil-biċċerija qabel u fi żmien il-qatla skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea([8]).

**It-timbru uffiċjali u l-firma**

Magħmul fi................................................................fil- ..................................................

(il-firma tal-veterinarju uffiċjali)

(timbru)

(l-isem b'ittri kbar, il-kwalifiki u t-titlu)

*Noti*

([1]) Laħam frisk ifisser il-partijiet kollha, sew friski, imkessħa jew iffriżati, li huma tajbin għall-konsum mill-bniedem, ta' bhejjem ta' l-ifrat domestiċi (Bos taurus, Bison bison, Bubalus bubalis u r-razez imħallta tagħhom), inkluż l-laħam ikkapuljat iffriżat.

Fil-każ ta' ġewwieni mnaddaf li jilħaq il-garanziji supplimentari msemmija f'([14]) taħt, wara l-importazzjoni, għandu jittieħed mingħajr ebda dewmien lejn l-istabbiliment destinatarju ta' l-ipproċessar

([2]) Maħruġ mill-awtorità kompetenti.

([3]) Il-pajjiż u l-kodiċi tat-territorju kif jidhru f'Parti 1 ta' l-Anness II mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar).

([4]) In-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk u l-isem tal-bastiment għandhom jingħataw kif inhu meħtieġ. Jekk inhu magħruf, in-numru tat-titjira ta' l-ajruplan.

F'każ ta' trasport fil-kaxex jew f'kontenituri, in-numru totali, in-numri tar-reġistrazzjoni u s-siġilli tagħhom, jekk ikun hemm, għandhom jiġu indikati f'punt 7.3.

([5]) −omm kif inhu xieraq.

([6]) Imla jekk inhu l-każ.

([7]) Jekk meħtieġ, indika "mlaħħaq għall-konsum" u/jew "ikkappuljat". Jekk iffriżat, indika d-data ta' l-iffriżar (xx/ss) tal-qatgħat/biċċiet.

Il-ġewwieni mnaddaf ta' bhejjem ta' l-ifrat domestiċi jrid jkun esklussivament dawk l-interni li minnhom ikunu tneħħew għal kollox l-għadam, il-qarquċa, it-trakea u l-bronki ewlenin, il-gjandoli linfatiċi, it-tessut konnettiv aderenti ix-xaħam u l-mukus. Il-muskoli masseteri (tax-xedaq) maqtugħa skond il-paragrafu 41, A (a) tal-Kapitolu VIII ta' l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 64/4333/KEE (kif emendat l-aħħar), huma permessi wkoll.

Ikkpauljat huwa laħam li ġie kkapuljat f'biċċiet u mgħoddi minn magna ta' l-ikkappuljat bi skruwn spirali u għandu jkun ġie ppreparat minn muskolu mtarraz (striated) (inkluż it-tessuti xaħmin ta' miegħu) għajr il-muskolu tal-qalb.

(8) Dwar il-laħam frisk, japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE (kif l-aħħar emendata). Mit-8 ta' Ġunju 2003, il-laħam frisk għandu jiġi minn stabbilimenti li jimplimentaw verifiki fuq l-iġjene ġenerali, skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/471/KE (kif emendata l-aħħar). Għall-ikkapuljat, japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KEE kif l-aħħar emendata. Dwar il-benessri waqt il-qatla, japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 93/119/KEE (kif l-aħħar emendata). Dwar il-BSE, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (kif emendat l-aħħar).

([9]) Il-pajjiżi biss elenkati fl-Anness XI, Kapitolu A punt 15(b) tar-Regolament 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (kif emendat l-aħħar).

([10]) Daħħal it-test eżatt kif imniżżel fl-Anness XI, Kapitolu A punt 15(b) tar-Regolament 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill (kif emendat l-aħħar).

([11]) Biss laħam dissussat mlaħħaq għall-konsum li jissodisfa l-garanziji supplimentari msemmija fi ([13]) taħt, jew fil-każ ta' ġewwieni mnaddaf li jilħaq il-garanziji supplimentari msemmija fi ([14]) taħt.

([12]) Ħassar meta l-pajjiż li qed jesporta jwettaq tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer b'serotipi A, O, jew C, u dan il-pajjiż għandu permess jesporta lejn il-Komunità Ewropea laħam dissussat jew ġewwieni mnaddaf imlaħħqa għall-konsum, li jissodosfaw il-garanziji supplimentari deskritti fi, rispettivament, ([13]) u ([14]) taħt.

([13]) Għandhom jingħataw garanziji supplimentari fir-rigward ta' laħam dissussat mlaħħaq għall-konsum meta meħtieġa fil-kolonna 5 "SG" tal-Parti I ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/EEC (kif emendata l-aħħar), bid-diċitura "**A**".

([14]) Għandhom jingħataw garanziji supplimentari fir-rigward ta' ġewwieni mnaddaf imlaħħaq għall-konsum meta meħtieġa fil-kolonna 5 "SG" tal-Parti I ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/EEC (kif emendata l-aħħar), bid-diċitura "**B**".

([15]) Data jew dati tal-qatla. L-importazzjoni ta' dan il-laħam m'għandhiex tithalla meta dan ikun inkiseb minn annimali maqtula jew qabel id-data ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea tat-territorju msemmi taħt ([3]), jew matul perjodu li matulu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Komunità Ewropea kontra l-importazzjoni ta' dan il-laħam minn dan it-territorju.

([16]) Għandhom jingħataw garanziji supplimentari fir-rigward tat-tuberkolożi meta meħtieġa fil-kolonna 5 "SG" tal-Parti I ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/EEC (kif emendata l-aħħar), bid-diċitura "**E**". It-test għat-tuberkolożi interdermali għandu jitwettaq skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Annes B għad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE (kif emendat l-aħħar).

([17]) Għandhom jingħataw garanziji supplimentari fir-rigward ta' laħam dissussat mlaħħaq għall-konsum meta meħtieġa fil-kolonna 5 "SG" tal-Parti I ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/EEC (kif emendata l-aħħar), bid-diċitura "**F**". Il-laħam dissussat imlaħħaq għall-konsum m'għandux jiħtalla jiġi importat lejn il-Komunità Ewropea sa 21 jum wara d-data tal-qatla ta' l-annimali.

([18]) Għandhom jingħataw garanziji supplimentari fir-rigward ta' laħam dissussat imlaħħaq għall-konsum meta meħtieġa fil-kolonna 5 "SG" tal-Parti I ta' l-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/EEC (kif emendata l-aħħar), bid-diċitura "**H**".